MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2023

Appell Numru 89/2022 LM

**Caroline Muscat**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Wasteserv Malta Ltd**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanta **Wasteserv Malta Ltd**, [hawnhekk 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tad-9 ta' Ġunju, 2022 [minn issa 'l quddiem id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal ikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* [minn issa 'l quddiem 'il-Kummissarju'] tas-27 ta' Lulju,

2021, u b'hekk ċaħad l-aggravji kollha sollevati mis-soċjetà Wasteserv Malta Ltd, u kkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju, fejn ordna lill-appellanta li tipprovdi lill-appellata **Caroline Muscat** [hawnhekk 'l-appellata'] b'kopji tal-pagamenti li hija għamlet lil MediaToday Co. Ltd., Business 2 Business Ltd, jew Saviour Balzan rigward servizzi mogħtija mill-2013 sad-data tal-ħruġ tal-avviż tad-deċiżjoni.

## Fatti

2. Fid-29 ta' Diċembru, 2020, l-appellata Caroline Muscat talbet lill-appellanta tipprovdilha lista tal-kuntratti u/jew ħlasijiet kollha li saru jew li ġew maqbula bejnha, u Saviour Balzan, MediaToday Co. Ltd. u Business2Business Ltd, flimkien mad-dettalji relattivi, u dan *ai termini* tal-artikolu 3 tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni), u dan għall-perijodu bejn l-2013 u d-data meta tiġi mwieġba t-talba. Is-soċjetà appellanta rrifjutat li twieġeb għal din it-talba abbażi tal-artikolu 14(g) tal-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex skont l-appellanta l-informazzjoni mitluba hija lista u ma tikkostitwixxix dokument, u dan id-dokument mhux fil-pussess tal-appellanta, u ma jeżistix.

## Mertu

3. L-appellata appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-Kummissarju, li min-naħa tiegħu ma qabilx mal-pożizzjoni tal-appellanta, u dan wara li qies li l-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta ġie promulgat sabiex jirregola l-libertà tal-informazzjoni u jkun ta' servizz għas-soċjetà u għaċ-ċittadini, u għalhekk l-awtoritajiet pubbliċi

għandhom l-obbligu li jiffaċilitaw id-dritt tal-informazzjoni. Il-Kummissarju qal ukoll li fil-kors tal-investigazzjoni tiegħu ġie ppruvat li l-appellanta kellha l-informazzjoni neċessarja sabiex tissodisfa t-talba tal-appellata, u għalhekk ir-raġuni tar-rifjut mogħtija minnha ma kinitx ġustifikata. Il-Kummissarju fid-deċiżjoni tiegħu rrimarka wkoll li f'soċjetà demokratika huwa prinċipju sagrosant li kull awtorità pubblika li taqdi funzjoni pubblika, għandha tkun taħt l-iskrutinju tal-pubbliku in ġenerali, għaliex b'dan il-mod biss jista' jkun hemm kontabilità.

4. In segwitu għal din id-deċiżjoni tal-Kummissarju, is-soċjetà appellanta ressqet appell quddiem it-Tribunal. Fir-rikors tal-appell tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata għaliex id-deċiżjoni tal-Kummissarju hija karenti minn xi xorta jew oħra ta' motivazzjoni u/jew spjegazzjoni, u għalhekk hemm ksur tal-artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata wkoll għaliex id-deċiżjoni tal-Kummissarju tirreferi għal u tordna l-produzzjoni ta' dokumenti differenti minn dawk mitluba mill-appellata, u għalhekk id-deċiżjoni hija waħda *ultra vires* u *extra petita.* L-appellanta spjegat li filwaqt li l-appellata talbet għall-produzzjoni ta' lista ta' kuntratti u/jew pagamenti, il-Kummissarju lilha ordnalha tipproduċi kopja tal-kuntratti u tal-pagamenti nfushom, u dan meta dawn id-dokumenti lanqas biss ġew mitluba mill-appellata. L-appellanta sostniet illi l-Kummissarju interpreta t-talba tal-appellata b'mod għal kollox arbitrarju, u għalhekk id-deċiżjoni tiegħu mhux biss hija *ultra vires* il-kompetenza tiegħu, iżda wkoll *extra petita.* Saħqet li l-Kummissarju kellu jiddeċiedi biss jekk id-dokumenti mitluba speċifikament fit-talba tal-appellata humiex suġġetti għall-eżenzjoni jew le, u l-

Kummissarju ma kellux jedd imur oltre minn hekk. L-appellanta sostniet ukoll li d-diskrezzjoni tal-Kummissarju ma ġietx eżerċitata b'mod korrett, u qalet li l-Kummissarju lanqas ma fehem għal liema dokumenti kienet qegħda tirreferi l-appellata. Qalet li l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni jirreferi għal dokumenti eżistenti u jrid li l-pubbliku jkollu aċċess għal dokumenti miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi, u hija ma tistax tifhem għal liema raġuni ġiet ordnata tipproduċi dokument li hija spjegat li ma jeżistix.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Ġunju, 2022, it-Tribunal iddeċieda li l-appell tas-soċjetà appellanta għandu jiġi miċħud, u li d-deċiżjoni tal-Kummissarju għandha tiġi kkonfermata, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ikkunsidra*
>
> *L-ewwelnett is-soċjetà WasteServ Malta Limited hija soċjetà li taqa' taħt it-tifsira ta' hija awtorità pubblika skont id-definizzjoni mogħtija fil-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta li għalhekk bħala awtorità pubblika kif sewwa jikkontendi l-Kummissarju f'para 11 tad-dikjarazzjoni tiegħu, hija titħallas minn fondi pubbliċi u dan iwassal għall-aspettattiva li l-pubbliku għandu jkun jaf fejn marru l-flus għand min u għaliex.*
>
> *Difatti jekk wieħed l-website uffiċjali tal-istess soċjetà hemm speċiifkament imniżżel li hija* 'public authority'.
>
> ***Rigward l-ewwel aggravju*** *li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tas-27 ta' Lulju, 2021 ċioe li d-deċiżjoni mhix motivata, hija qasira u bbażata fuq l-ispirtu u l-iskop tal-Att, dan it-Tribunal jirrileva li l-Kummissarju fid-deċiżjoni tiegħu, taqbel magħha jew ma taqbilx, hija bbażata fuq il-motivazzjoni mogħtija fil-paragrafi 7 sa 10 tal-istess deċiżjoni.*
>
> *Fir-rigward dan it-Tribunal jagħmel referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri per Imħ. Sciberras tal-20 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet Tomlin Company Limited v Jon David Limited liema Qorti ddeċidiet li Qorti mhijiex strettament obbligata li*

*tispeċifika r-raġunijiet għaliex kienet qed tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Hi biss meħtieġa li tqis dawn l-eċċezzjonijiet fl-isfond tar-raġunijiet li fuqhom tkun qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha. Deċiżjoni trid tkun motivata fid-dawl tal-eċċezzjonijiet mogħtija imma mhux meħtieġa għal validità tas-sentenza li telabora oltre dawn l-eċċezzjonijiet mogħtija.*

*Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju elenka fil-parti intitolata* Legal analysis and Decision *u abbażi tal-paragrafi 7 sa 10 tal-istess deċiżjoni huwa wasal għad-deċiżjoni tiegħu. Wieħed jista' ma jaqbilx ma' din il-motivazzjoni msemmija f'dawn il-paragrafi iżda dan ma jfissirx li d-deċiżjoni tal-Kummissarju mhix waħda motivata anzi kienet ibbażata fuq osservazzjonijiet magħmula f'para 7 sa para 10 tal-istess deċiżjoni.*

*Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.*

***It-tieni aggravju*** *tas-soċjetà appellanti, huwa li l-Kummissarju ddeċieda billi ordna l-produzzjoni ta' dokumenti differenti minn dawk mitluba mill-applikanta –* ultra vires *u* extra petita *ċioe li l-ordni sabiex jiġu esebiti l-kuntratti meta t-talba ta' Caroline Muscat hija sabiex jiġu esebiti l-lista tal-kuntratti.*

*It-talba tal-appellata hija hekk:*

list of all contracts and/or payments, including direct orders, entered into between the Housing Authority or any of its departments and Mediatoday Co. Ltd, Business2Business Ltd or Saviour Balzan between 2013 and the day when this request is replied to, including contract/direct order reference number, date of award, scope of contract/direct order and value, name/position of official authorising the respective contract/payment."

*Fid-deċiżjoni tiegħu l-Kummissarju ordna hekk:*

"Consequently, by virtue of article 12(1)(b) of the Act the Public Authority is hereby being instructed to provide the applicant with copies of payments made to MediaToday Co. Ltd., Mr Saviour Balzan and Business 2 Business Ltd in relation to services from 2013 up till the date of the issuance of this decision notice."

*Illi kif dejjem ġie ritenut mill-Qrati tagħna hemm l-*'extra petita' *jew l-*'ultra petita' *meta tiġi sostitwita għall-azzjoni jew għad-domanda avvanzata mill-attur azzjoni jew domanda oħra li minnu ma ġietx proposta jew meta d-deċiżjoni tmur aktar 'l hemm mid-domanda jew azzjoni avvanzata ..." (vide fost oħrajn sentenza tal-Qorti tal-Appell per Imħ. Sir Anthony J Mamo deċiża fis-6 ta' Novembru, 1961 fl-ismijiet Professur Joseph Galea vs Dr Antonio Bonnici).*

*Illi mit-talba tal-appellata li saret lill-Kummissarju jirriżulta ċar li meta hija talbet lista tal-kuntratti eċċ hija ssostanzjat dan bis-segwenti ċioe "*entered into between WasteServe etc".

*Illi mill-atti jirriżulta li l-istess Awtorità ma kellha ebda diffikultà li tgħaddi lill-Kummissarju* 'the sample documentation .... wherein the Public Authority confirmed that it holds copies of the documents made in relation to contracts and/or payments, including direct order, entered into between Wasteserve or any of its subsidiaries and Mediatoday Co. Ltd., Business 2 Business Ltd or Saviour Balzan' (*vide para 10 tad-deċiżjoni tal-Kummissarju). Li għalhekk it-Tribunal ma jarax għalfejn l-Awtorità għandha issa tilmenta li se mai il-lista ta' kuntratt għandha tippreżenta mhux il-kuntratti per se.*

*Li għalhekk ma għandhiex raġun l-appellanti meta f'dan l-aggravju tallega li se mai il-Kummissarju kellu jordnalha tippreżenta l-lista tal-kuntratti eċċ u mhux il-kuntratti per se u għaldaqstant id-deċiżjoni tal-Kummissarju ma jistax jingħad li tmur oltre dak rikjest mill-appellata Caroline Muscat f'dan ir-rigward.*

*Dwar ir-risposta ta' Wasteserv lill-Kummissarju li s-soċjetà appellanta tagħmel referenza għalihom fl-appell tagħha, u li talbet li tifforma parti minn l-appell tagħha, jingħad li l-Awtorità għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba ċioe d-dokumenti minn dak li hija u dawk is-sussidjarji li jaqgħu taħtha għandhom fis-sistema tagħhom u dan kif jirrikjedi l-***artikolu 2 tal-Kap. 496** *meta jagħti tifsira ta' 'dokument'.*

*Inoltre dan it-Tribunal ma jarax għalfejn is-*sample documentation *mgħoddi lilu ma ġiex mgħoddi wkoll lill-appellata.*

*Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

***Dwar it-tielet aggravju** s-soċjetà appellanta tilmenta li l-Kummissarju naqas li jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu b'mod korrett meta interpreta t-talba tal-appellanti bħala li tinkludi l-kuntratti per se u mhux lista ta' kuntratti.*

*Dwar dan l-aggravju dan it-Tribunal ma għandu xejn xi jżid ma' dak li diġà rrelata fit-tieni aggravju ta' dan l-appell u minn imkien ma jirriżulta li l-Awtorità qed tiġi ordnata tippreżenta xi dokument jew dokumenti li ma jeżistux.*

*Għaldaqstant anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.*

*Dan it-Tribunal għalhekk qed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tas-soċjetà WasteServ Malta Limited u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissarju li minnha sar dan l-appell."*

**L-Appell**

6. Is-soċjetà appellanta ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni, u għalhekk ressqet l-appell tagħha minnha fl-1 ta' Lulju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal tad-9 ta' Ġunju, 2022 fl-ismijiet premessi, u ssib ukoll li l-ordni tal-Kummissarju tas-27 ta' Lulju, 2021 għandha wkoll titħassar u tiġi revokata.

7. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata għaliex fil-fehma tagħha d-deċiżjoni appellata skartat l-aggravju tagħha dwar l-*ultra petita* u l-*ultra vires* mingħajr ma ngħatat motivazzjoni plawsibbli u/jew motivazzjoni li għandha fondament legali. Qalet li d-deċiżjoni tal-Kummissarju li hija għandha tippreżenta dokumenti, meta dak li ntalab kien sempliċiment 'lista', hija kjarament *ultra petita* u *extra petita,* u li wieħed ma jistax jekwivali t-talba għall-produzzjoni ta' lista ma' talba għall-produzzjoni tal-kuntratti formanti parti minn dik il-lista. Qalet li kieku l-appellata riedet li jiġu prodotti l-kuntratti, din kellha titlobhom espressament, u s-soċjetà appellanta imbagħad kienet tistħarreġ jekk hija kinitx obbligata li tipproduċihom, jew inkella jekk għandhomx japplikaw l-estremitajiet għall-applikazzjoni ta' xi waħda jew aktar mill-eċċezzjonijiet li tippermetti l-liġi. Qalet li f'dan il-każ ma ġarax hekk, u hija ġiet obbligata tesebixxi xi ħaġa oħra, u għalhekk id-deċiżjoni tat-Tribunal f'dan ir-rigward hija żbaljata għaliex il-Kummissarju ma kellux jordna l-produzzjoni ta' dokument li hu differenti minn dak li ntalab mill-appellata.

8. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata wkoll għaliex id-deċiżjoni appellata fil-fehma tagħha hija nieqsa minn kull motivazzjoni legali u tmur kontra l-ispirtu tal-liġi. Qalet li l-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal li tgħid li d-dokumenti ppreżentati lill-Kummissarju kellhom jiġu mgħoddija lill-parti l-oħra f'dan l-appell, hija żbaljata għaliex jekk isir hekk, kull appell li jsir minn awtorità pubblika ma jista' qatt ikollu effettività legali. Qalet li l-iskambju ta' dokumenti mal-Kummissarju appellat huwa u għandu jkun proċess kunfidenzjali, u għandu jkun intiż biex il-Kummissarju jkun jista' jasal għad-deċiżjoni tiegħu rigward il-produċibilità *o meno* tad-dokumenti *de quo,* u din id-deċiżjoni m'għandhiex tkun preġudikata minn ordni li d-dokumenti għandhom jingħataw lill-parti li tkun talbithom sempliċiment għaliex ikunu ġew mgħoddija lill-Kummissarju skont il-liġi.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. L-appellata fir-risposta tagħha eċċepiet li l-appellanta naqset milli tindika n-numru tal-karta tal-identità tal-appellata fir-rikors tal-appell tagħha, kif ukoll naqset milli tindika n-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpannija appellanta. Eċċepiet ukoll li l-Kummissarju li kien parti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, ma ġiex indikat bħala parti appellata fl-appell odjern. L-appellata qalet ukoll li dan l-appell għandu jiġi skartat għaliex jikkostitwixxi attentat ċar sabiex tiġi mminata l-ħidma ġurnalistika tagħha u tan-*newsroom* li tifforma parti minnha. L-appellata qalet ukoll li l-appell odjern m'huwa xejn għajr kontinwazzjoni ta' tattiċi wżati fil-konfront tagħha fi stadju aktar bikri tal-proċeduri, sabiex hija tiġi sottoposta għal pressjonijiet finanzjarji u loġistiċi li jistgħu jxekkluha milli

tiddefendi ruħha minn dawn l-appelli, li huma maħsuba biex joħonqu u jimminaw l-operat tal-kamra tal-aħbarijiet immexxija minnha, u jagħmluha diffiċli għaliha li tikseb l-informazzjoni meħtieġa b'rabta mal-ħidma ġurnalistika tagħha. Qalet li l-informazzjoni mitluba minnha f'dan il-każ hija dwar infiq ta' fondi pubbliċi, u għalhekk il-produzzjoni tal-informazzjoni mitluba minnha hija fl-interess tal-pubbliku in ġenerali. L-appellata qalet li fir-rikors tal-appell tagħha, l-appellanta ma ressqet l-ebda argument ġdid, u kull ma qiegħed isir f'dan l-appell huwa li qegħdin jiġu ripetuti argumenti li diġà ġew debitament ikkunsidrati u skartati fl-intier tagħhom mit-Tribunal. L-appellata żiedet tgħid li din il-Qorti għalhekk mhijiex tenuta tiddisturba jew tissindika l-apprezzament tal-fatti li sar mit-Tribunal, inkluż il-valutazzjoni tal-provi u l-piż mogħti lill-istess, kif ukoll l-applikazzjoni ta' liġi magħmula mit-Tribunal qabilha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Qabel tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta, il-Qorti sejra tagħmel riferiment għan-nuqqasijiet elenkati mill-appellata fir-rigward tar-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellanta, ċjoé li n-numru tal-karta tal-identità tal-appellata ma ġiex indikat fl-okkju tar-rikors tal-appell, li n-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpannija appellanta ma ġiex inkluż fl-okkju, u l-fatt li l-Kummissarju ġiex indikat bħala wieħed mill-appellati fl-appell odjern. Il-Qorti tqis li l-ebda wieħed minn dawn in-nuqqasijiet m'huwa ta' xi preġudizzju għall-appellata, li għandu jwassal għan-nullità ta' dan l-appell.

*L-ewwel aggravju:* *[it-Tribunal ma ħax konjizzjoni tal-fatt li d-deċiżjoni tal-Kummissarju kienet* ultra vires *u* ultra petita*]*

11. Is-soċjetà appellanta saħqet li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-aggravju sollevat minnha fejn hija saħqet li d-deċiżjoni tal-Kummissarju kienet *ultra vires* u *extra petita.* Qalet illi l-appellata talbet lista ta' kuntratti u pagamenti li saru, filwaqt li hija ġiet ordnata mill-Kummissarju tipproduċi l-kuntratti nfushom, u dan mingħajr ma ngħatat iċ-ċans tiddibatti jekk kellhiex l-obbligu li tipproduċi dokumenti ta' din ix-xorta, għaliex jista' jkun li japplikaw l-estremitajiet prevvisti fil-liġi biex tali dokumenti ma jiġux ippreżentati. Qalet li din l-ordni tmur kontra l-ispirtu tal-liġi, u lilha poġġietha fi żvantaġġ għaliex hija ma setgħetx tagħmel sottomissjonijiet dwar dak li hija ġiet ordnata tippreżenta.

12. Il-Qorti tibda billi tirrileva li mhux minnu li t-Tribunal ma ħa l-ebda konsiderazzjoni tat-tieni aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta fl-appell imressaq minnha mid-deċiżjoni tal-Kummissarju, u dan għaliex it-Tribunal għamel l-evalwazzjoni tiegħu u ta tifsira skont il-liġi tat-termini wżati mill-appellanta sabiex tiġġustifika l-ilment tagħha. Iżda t-Tribunal kkonkluda li l-appellanta ma kellhiex raġun tikkontendi li l-Kummissarju kien marbut jordnalha tippreżenta lista ta' kuntratti minflok il-kuntratti nfushom. It-Tribunal fil-fatt qies li l-Kummissarju stabbilixxa li kienu saru pagamenti mis-soċjetà appellanta lill-kumpanniji u lill-persuna indikati mill-appellata fit-talba tagħha, u dan permezz tas-*sample documents* ippreżentati mill-appellanta nnifisha. Dan ifisser li mhux minnu li l-appellanta ma kinitx fil-pussess tal-informazzjoni mitluba mingħandha, u din l-informazzjoni kienet setgħet tittieħed mid-diversi dokumenti li l-appellanta kellha fil-pussess tagħha. Dan ifisser li l-

konsiderazzjonijiet li għamlu kemm il-Kummissarju kif ukoll it-Tribunal dwar dan il-punt, huma korretti għaliex l-appellanta m'hija tintalab tippreżenta xejn li ma ġiex rikjest mill-appellata, u sempliċement qegħda tiġi mitluba tippreżenta d-dokumenti fil-pussess tagħha, sabiex permezz tagħhom l-appellata tkun tista' tikseb l-informazzjoni rikjesta minnha. Il-Qorti tagħmilha ċara li l-appellanta ma tistax tippretendi li d-disposizzjonijiet tal-liġi u t-talba tal-appellata għall-informazzjoni, jingħataw interpretazzjoni restrittiva sal-punt li l-appellanta titħalla taħrab mill-obbligi tagħha taħt il-Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti taqbel għal kollox mal-konsiderazzjoni tat-Tribunal li l-informazzjoni mitluba taqa' taħt id-definizzjoni ta' 'dokument' skont l-artikolu 2 tal-Kap. 496, u f'dan ir-rigward hija rilevanti l-ewwel parti ta' din it-tifsira, jiġifieri li dokument ifisser *'kull oġġett miżmum għand awtorità pubblika u li fuqu kienet irreġistrata informazzjoni fi kwalunkwe forma'.* Għalhekk huwa irrilevanti jekk l-informazzjoni tingħatax fil-forma rikjesta jew f'xi forma oħra, u dan sakemm ir-rikjesta fis-sustanza tagħha tiġi milqugħa. Minn dan isegwi li l-Kummissarju kien korrett meta ddeċieda li l-appellanta kienet fil-pussess ta' dokumenti li kienu jissodisfaw r-rikjesta tal-appellata, u b'hekk ordna li dawn jgħaddu għand l-appellata. Kien korrett ukoll it-Tribunal meta ma sab xejn x'jiċċensura fid-deċiżjoni tal-Kummissarju. Il-Qorti żżid tgħid li fil-każ odjern lanqas ma jista' jingħad li d-deċiżjoni tal-Kummissarju teżorbita t-talba tal-appellata għaliex ġiet ordnata l-produzzjoni ta' dokumenti sad-data tad-deċiżjoni mogħtija. Fil-fatt l-appellata llimitat it-talba tagħha sad-data ta' meta jingħatawlha d-dokumenti u fit-talba tagħha tgħid "*between 2013 and the day when this request is replied to ...*". Il-Qorti tfakkar lill-appellanta li l-Kummissarju għandu poteri estensivi taħt l-Att, u fil-mansjonijiet li huwa għandu jista' jqis jekk awtorità pubblika hijiex

qed issegwi prattika tajba fir-rigward tat-talbiet għall-informazzjoni li jsirulha. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[l-ordni li d-dokumentazzjoni tiġi mgħoddija lill-appellata għaliex din kienet għaddiet għand il-Kummissarju hija nieqsa minn motivazzjoni u tmur kontra l-ispirtu tal-liġi]*

13. L-appellanta tgħid ukoll li l-ordni li ngħatat mill-Kummissarju, li dokumenti li kienu ġew ippreżentati lill-Kummissarju jiġu mgħoddija lill-appellata, tmur kontra l-ispirtu tal-liġi, u dan għaliex il-fatt li jkunu ġew ippreżentati xi dokumenti quddiem il-Kummissarju, ma jfissirx li tneħħiet l-oġġezzjoni li kien hemm da parti tal-appellanta għall-iżvelar ta' dawn id-dokumenti lil min għamel it-talba.

14. Hawnhekk l-appellanta tesprimi n-nuqqas ta' qbil tagħha ma' dik il-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal fejn jingħad li ladarba dawn id-dokumenti tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-Kummissarju, ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellanta milli tipprovdi kopja ta' dawn id-dokumenti lill-appellata. Il-Qorti tirrileva li mhuwiex minnu li d-deċiżjoni tal-Kummissarju jew tat-Tribunal f'dan ir-rigward hija nieqsa minn motivazzjoni, partikolarment ladarba s-soċjetà appellanta imkien ma ssollevat l-eċċezzjoni li l-informazzjoni mitluba mill-appellata hija informazzjoni eżentata, jew li mhux fl-interess pubbliku li din tiġi żvelata jew magħmula pubblika. L-appellanta qalet biss li l-informazzjoni mitluba minnha ma kinitx fil-pussess tagħha, u għalhekk ma setgħetx tipprovdi l-informazzjoni mitluba. Imma l-Kummissarju ġie pprovdut b'*sample documentation* li tipprova

l-kuntrarju ta' dak li sostniet l-appellanta, u ġie pprovdut b'informazzjoni li turi li fil-fatt l-appellanta kellha f'idejha l-informazzjoni jew parti sostanzjali mill-informazzjoni rikjesta mill-appellata. Ladarba l-appellanta fl-ebda waqt ma qalet li l-informazzjoni mitluba minnha tikkostitwixxi dokument jew informazzjoni eżentata, iżda qalet biss li ma setgħetx jipprovdi l-informazzjoni mitluba għaliex din ma kinitx miġbura b'mod li setgħet tingħata lill-appellata, ma hemm xejn irregolari jew kontra l-ispirtu tal-liġi meta t-Tribunal ikkonkluda li ma jarax għalfejn s-*sample documentation* mgħoddija lilu ma ġietx imgħoddija wkoll lill-appellata. Wara kollox l-appellata kellha dritt li tagħmel sottomissjonijiet tagħha dwar id-dokumenti ppreżentati quddiem il-Kummissarju, u għalhekk dawn id-dokumenti ma kellhomx jinżammu mistura minnha, għaliex dawn kienu jammontaw għall-prova meħtieġa li r-raġuni mogħtija mis-soċjetà appellanta għalfejn it-talba tal-appellata ġiet miċħuda, ma kinitx veritiera. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, u l-ispejjeż ta' dan l-appell, huma a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**